REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1218

tas-26 ta' Lulju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 fir-rigward tal-ħżin u l-aċċess awtomatizzat għall-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT skont l-"iskema ta' importazzjoni"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, kif imdaħħal mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 ([2]), ġie introdott biex jippermetti l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-iskema ta' importazzjoni prevista fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) li għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

(2) L-Artikolu 17(1), il-punt (e), u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 jeżiġu li l-Istati Membri jaħżnu informazzjoni dwar l-importazzjonijiet eżentati mit-taxxa dwar il-valur miżjud ("il-VAT") miġbura minnhom skont l-Artikolu 143(1), il-punt (ca), tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u li jagħtu lil Stati Membri oħra aċċess awtomatizzat għal din l-informazzjoni, bil-għan li jgħinu lill-Istati Membri jidentifikaw diskrepanzi fir-rappurtar tal-VAT u l-frodi potenzjali tal-VAT.

(3) L-informazzjoni dwar dawn l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT diġà tinġabar mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u tintbagħat lill-Kummissjoni permezz tas-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([5]). Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-ħżin tal-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT u l-aċċess awtomatizzat għaliha meħtieġa mill-Artikolu 17(1), il-punt (e), u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jsiru bl-istess sistema elettronika.

(4) Id-dettalji tekniċi li jikkonċernaw l-inkjesta awtomatizzata tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), l-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 huma stabbiliti fl-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. L-Artikolu 55(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jippermetti li l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali jkollhom aċċess għad-*data* f'forma aggregata fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(5) L-Artikolu 5a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2012 ([6]) jispeċifika d-dettalji tekniċi tal-ħżin u l-aċċess awtomatizzat tal-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT li jeżiġi l-Artikolu 17(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 5a(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 jiġi emendat biex jispeċifika d-dettalji tekniċi tal-inkjesta awtomatizzata tal-informazzjoni msemmija fit-tieni parti tal-Artikolu 17(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(6) Sabiex dan ir-Regolament japplika mill-istess data bħar-Regolament (UE) 2017/2454, li daħħal l-Artikolu 17(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

([1]) ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 tal-5 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2012 tal-31 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 29, 1.2.2012, p. 13).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 5a(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-ħżin u l-aċċess awtomatizzat mill-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti minn (e) sa (f), tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandu jsir bis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN